

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 256/02)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiħ disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Franza

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Charles de Gaulle

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn jirrappreżenta żewġ profili ta' Charles de Gaulle f'żewġ żminijiet differenti. Il-profil fl-isfond juri lil Charles de Gaulle liebes l-uniformi bħala ġeneral tal-armata meta għamel l-appell għall-ġlieda bl-armi nhar it-18 ta' Ġunju 1940 jew waqt il-liberazzjoni ta' Pariġi. Il-profil fuq quddiem jirrappreżenta lil Charles de Gaulle waqt it-tieni mandat presidenzjali tiegħu. Fl-aħħar nett, l-ittri RF huma nofshom integrati f'salib ta' Lorraine, is-simbolu ta' Franza ħielsa li Charles de Gaulle għażel fl-1940. Id-data tiegħu tat-twelid u dik ta' meta miet kif ukoll is-sena tal-ħruġ huma wkoll imnaqqxa fis-salib ta' Lorraine.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 18 061 940

Id-data tal-ħruġ: It-18 ta' Ġunju 2020

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuh nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuh nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).